- *KOLLIZJONI –*
- *ROADS OF EQUAL IMPORTANCE -*

# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Erbgha, 16 ta’ Jannar, 2002.**

**Kawza Numru 16**
**Citazzjoni Numru 1853/2000 RCP**

**John Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Middle Sea Insurance Plc. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Galea.**

**vs.**

**Alfred Montebello.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ippremetta:-

Illi fit-23 ta' Dicembru 1997 gewwa San Gwann waqt li l-konvenut Alfred Montebello kien qed isuq il-vettura numru EAV-891 huwa habat mal-vettura numru IAS – 267 misjuqa mill-assikurat tal-attur, Anna Galea, liema vettura kienet assikurata taht polza *comprehensive* mal-attur nomine.

Illi peress li dan l-incident gara unikament tort tal-konvenut Alfred Montebello minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-attur nomine in vista tal-polza ta’ assikurazzjoni *'comprehensive’,* ghamel tajjeb ghad-danni ikkagunati mill-konvenut fil-karozza numru IAS-267 assikurata mieghu.

Illi d-danni sofferti mill-attur nomina bhala konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghas-somma ta’ elf u disgha u tletin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm1,039.14) u hekk kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas huwa baqa’ inadempjenti.

Illi l-istess attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli il-Qorti:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara gewwa San Gwann fit-23 ta' Dicembru 1997 u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur nomine.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' elf u disgha u tletin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm1,039.14) jew kull somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine in linea ta' danni dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficcjali tal-4 ta' Gunju 1999 u ta' ittra ufficcjali ohra kontestwali mal-istess citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u tal-konsult (Lm15.00) kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-istess atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2000.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 9 tal-process fejn ecceppixxa:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, izda tort ta' Anna Galea is-sewwieq tal-vettura numru IAS–267 minhabba negligenza, traskuragini, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewwieq, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

(2) Illi ghalhekk l-eccipjenti m'ghandux ihallas ebda danni, u fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma esegerati.

(3) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u lista ta' xhieda tal-konvenut a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-smiegh tal-provi fil-mertu quddiem din l-Qorti kif presjeduta ghat-22 ta' Frar 2000.

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Frar 2001, 14 ta' Gunju 2001 u 30 ta' Ottubru 2001 u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-16 ta' Jannar 2002.

Rat ix-xhieda ta' P.S. 1492 Joseph Pace tat-22 ta' Frar 2001, Anna Galea tal-14 ta' Gunju 2001, u l-konvenut Alfred Montebello tat-30 ta' Ottubru 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza titratta dwar kollizzjoni li grat gewwa San Gwann fit-23 ta' Dicembru 1997, fi Triq R. Caruana Dingli Street *cross roads* ma Salvu Busuttil Street, San Gwann, bejn vettura Reg. No. EAV – 891 misjuqa minn Alfred Montebello u l-vettura Reg. No. IAS – 267 misjuqa minn Anna Galea, l-assikurata tas-socjeta` attrici.

Illi mix-xhieda ta' **P.S.1493 Joseph Pace** li nvestiga l-incident ghan-nom tal-Pulizija jirrizulta li l-*electric pole* qieghed indikat fl-iskizz f'nofs it-triq peress li dik il-parti tat-triq minn fejn kienet ghaddejja l-assigurata tas-socjeta` attrici kienet ghadha taht kostruzzjoni.

Illi jidher li l-istess sewwieqa Anna Galea riedet tmur ghat-triq fuq ix-xellug u faccata taghha u kien ghalhekk li hija dawret il-karozza taghha lejn ix-xellug kif indikata

fl-iskizz, u bil-fors kellha tghaddi minn fejn l-arblu tal-elettriku minhabba li hemm it-triq hija mharbta.

Illi l-istess Surgent kompla jghid li Montebello kien ghaddej minn Salvu Busuttil Street, u dan qallu li l-istess Anna Galea daret u qasmet ghal fuqu, mentri hija min-naha taghha sostniet li hija kienet waqfet fil-kantuniera u kif giet biex taqla' l-konvenut baqa' diehel fiha.

Illi fir-*Road Accident Report* l-istess Surgent iddeskriva l-incident b'dan il-mod:-

*"Whilst EAV-891 was emerging from S. Busuttil Street and IAS–267 was entering towards side street both collided onto same".*

Illi fl-okkorrenza l-istess incident gie hekk deskritt:-

"*Minn stharrig li sar irrizulta illi skond Montebello huwa kien gej minn Salvu Busuttil Street u IAS-267 li kienet ghaddeja minn R. Caruana Dingli Street daret u dahlet fuqu; Galea stqarret illi hija kienet diehla lejn Willie Apap Street, waqfet fil-kantuniera u kif qalghet baqa' diehel fuqha EAV-891 minn Busuttil Street".*

Illi min-naha taghha **Anna Galea** sostniet li hija dahret hekk ghaliex riedet tmur fit-triq li qeghda fil-genb u waqfet *dead stop* fuq in-naha tax-xellug tat-triq, u hekk

kif kienet hekk wieqfa rat lis-sewwieq l-iehor gej minn Salvu Busuttil Street, u peress li kellu *skip* quddiemu hdejn il-hajt tas-sejjiegh, huwa nhasad u biex ma jidholx fit-triq dahal dritt fuqha. Wara l-incident it-traffiku ghadda min-naha tal-lemin taghha, u skond hija id-daqqa qalatha fuq quddiem u mhux fuq il-genb. Fil-mument tal-habta sostniet li kienet wieqfa.

Illi min-naha l-ohra **Alfred Montebello** sostna li huwa kien ghaddej minn Salvu Busuttil Street sejjer lejn R. Caruana Dingli Street, u f'daqqa wahda ra lis-sewwieqa tal-vettura l-ohra tikser biex tidhol ghal fuq triq fuq ix-xellug tieghu, u kif ra hekk huwa ipprova jibbrejkja, izda kien kollu ghal xejn u sar l-incident. Illi sostna li s-sewwieq tal-vettura l-ohra kien miexi fil-hin tal-incident.

Illi f'kazijiet bhal dawn meta hemm zewg versjonijiet dwar l-akkadut din il-Qorti trid timxi fuq dik il-versjoni li hija l-aktar verosimili fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u dan ukoll sabiex tistabbilixxi l-kawza prossima tal-istess incident.

Ili huwa sintomatiku li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino"** deciza fil-15 ta' Jannar 1997 qalet illi:

*"... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilita` ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem*

*tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabilita` u mhux l-ekwita` u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-dinamika tal-incident kienet li l-konvenut kien ghaddej minn Salvu Busuttil Street, sejjer lejn id-direzzjoni ta' R. Caruana Dingli Street, mentri l-assigurata tas-socjeta` attrici kienet ghaddejja minn R. Caruana Street bil-hsieb li taqsam l-inkroccju tal-istess triq ma Salvu Busuttil Street, sabiex tikser fuq ix-xellug taghha u tibqa' diehla fi Triq Willie Apap, li hija triq fuq in-naha tax-xellug tad-direzzjoni minn fejn kien gej il-konvenut.

Illi jidher li l-impatt sar fl-inkroccju ezatt fejn iz-zewg toroq li minnhom kienu ghaddejjin is-sewwieqa involuti fl-incident jikkonvergu flimkien, bil-karozza assigurata mis-socjeta` attrici gja inklinata lejn ix-xellug, bl-intenzjoni cara w ovvja li hija tibqa' diehla fit-triq li hemm fuq ix-xellug taghha li l'hinn mill-hajt tas-sejjiegh indikat fl-istess skizz.

Illi huwa veru li l-istess sewwieqa tal-karozza assigurata mis-socjeta` attrici sostniet li hija kienet wieqfa fil-mument tal-incident, pero` din l-allegazzjoni tal-istess Anna Galea, din il-Qorti ma thossx li giet ippruvata minnha, anzi hija stess meta xehdet sostniet li l-impatt sar hekk kif hija regghet qalghet biex issuq, xhieda li tindika li fil-mument tal-impatt l-istess sewwieqa tal-vettura assikurata mis-socjeta` attrici, kienet miexja u mhux stazjonarja.

Illi huwa veru wkoll li jidher li l-karozza tal-konvenut kienet iktar lejn il-lemin tat-triq li minnha kien ghaddej, pero`, il-Qorti thoss li *per se* ma kienx l-unika kawza tal-incident, anke peress li jidher li fuq in-naha tax-xellug tal-karozza tal-konvenut kien ostakolat, inkluz *skip*, li certament kien qed jimblokka l-via tal-istess konvenut.

Illi tenut kont ta' dan kollu hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-istess sewwieqa kienu ghaddejjin minn zewg toroq ta' importanza ugwali, u li iz-zewg sewwieqa naqqsu li jiehdu l-prekawzjonijiet necessarji kemm qabel ma wasslu ghall-istess inkroccju, b'dan li meta fil-fatt wasslu ghall-istess kien tard wisq sabiex jigi evitat l-istess incident.

Illi fil-fatt jidher li l-assikurata tas-socjeta` attrici, la darba li hija iddecidiet li hija riedet tmur ghal triq fuq ix-xellug taghha, hija minn gjo l-istess triq li kienet fiha

bdiet tikser fuq ix-xellug taghha, mentri l-konvenut ma baqax strettament fuq in-naha tieghu tat-triq, b'mod li hadd mis-sewwieqa ma kien kawt bizzejjed sabiex ikun f'posizzjoni li jieqaf u jevita is-sinistru mat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq l-ohra rispettiva.

Illi in vista ta' dan ma hemm l-ebda dubju li z-zewg sewwieqa involuti f'dan is-sinistru ghandhom jinzammu responsabbli ghall-istess incident, u dak li ser jiddittermina l-porzjoni u l-grad ta' responsabilita` ta' kull wiehed jew wahda minnhom huwa ir-***regolament 93 tal-Highway Code*** ezistenti fid-data tal-incident li kien jghid li *"At an intersection or junction of roads of equivalent traffic importance, where vehicles approach the intersection or point of junction simultaneously priority should, unless otherwise indicated, be accorded to vehicles on the left".* Dan ghaliex tali regolament tbiddel biss bl-avviz legali relattiv b'effett mill-1 ta' Ottubru 2000, u ghalhekk fiz-zmien tal-incident kien ghadu *in vigore* r-regolament fuq indikat.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm xejn mill-provi prodotti x'jista' jvarja l-grad ta' responsabilita` fuq indikat tenut kont ta' kif gabu ruhhom l-istess sewwieqa fl-investiment tal-vettura taghhom, stante li jidher li z-zewg sewwieqa ma uzawx il-prudenza necessarja sabiex jirregolaw is-sewqan taghhom b'mod prudenti kemm huma u javvicinaw l-istess

inkrocju, u kemm meta wasslu fl-istess inkrocju, b'dan li t-tnejn li huma irrendew l-istess sinistru inevitabbli.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Dottor Louis Bianchi noe et vs Anthony Zammit**" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 1997 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:

*"Hu car li dan ukoll bhal konvenut kien qed jersaq lejn l-inkrocju ta' salib it-toroq format minn toroq ta' importanza ugwali u li allura ma kien jaghti lill-ebda wiehed miz-zewg drivers ir-"right of way" fuq l-iehor. Kien ovvjament dmir taz-zewg "drivers" li jersqu lejn dan l-inkrocju b'attenzjoni kbira u li jiehdu dawk il-prekawzjonijiet kollha mehtiega mir-regolamenti u mic-cirkostanzi ambjentali biex jinnavigawh bil-galbu. Kull wiehed mis-sewwieqa hu obbligat li jirrallenta l-velocita' ghall-minimu waqt li jkun riesaq lejn l-inkrocju u anke jekk mehtieg jieqaf kompletament bhala process obbligat biex jzomm il-"proper look out" qabel ma jibda jittraversa salib it-toroq. Dan ghax hu kjarament dmir ta' kull driver li jkun ser jittraversa inkrocju li jaccerta ruhu li ma jkun gej l-ebda traffiku minn l-ebda direzzjoni mit-tlett toroq l-ohra li seta' jfixkel appena jirfes fl-inkrocju. Fi kliem iehor kull sewwieq li ma jkunx ha dawn il-prekawzjonijiet elementari jkun qieghed jittanta jaqsam inkorcju b'mod traskurat u nkonsult u jkun qieghed jikkontribwixxi ghas-sinistru. Ikun qieghed ipoggi lilu nnifsu li ikkontribwixxa ghall-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident li ma kienx jigri li kieku hu ma*

*sabx ruhu f'dik il-posizzjoni u li kieku sewwa osserva r-regolamenti tas-sewqan li l-prudenza kienet tiddettalu. Il-gravita' ta' kif dawn ir-regolamenti kienu gew miksurin u tal-mod negligenti kif iz-zewg "drivers" involuti fl-incident ikunu ddecidew li jittraversaw l-inkrocju naturalment jiswew biex fuqhom jigi determinat il-grad ta' responsabilita'. Imma dan ma jnaqqas xejn mill-konkluzjoni inevitabbli illi jkunu z-zewg drivers li jkunu involuti fil-kollizzjoni li jkunu f'xi grad naqsu li josservaw ir-regolamenti tat-traffiku u li allura jkunu t-tnejn mghobbija b'xi grad ta' responsabilita'."*

Illi din il-Qorti, diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "**Middle Sea Insurance Company Limited vs Brian Camilleri**" deciza fid-29 ta' Jannar 1999 qalet illi:

*"zewg drivers meta javvicinaw salib it-toroq iridu jiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jevitaw kollizzjoni, u li jekk jonqsu minn dan id-dover, it-tnejn iridu jbaghtu parti mit-tort. Dan il-punt gie spjegat fil-kawza,* ***"Carmel Bellizzi pro et noe vs Joseph Vella"*** *fejn il-Qorti kienet qalet:*

*"Kif irritenew ripetutament il-Qrati taghna, jinkombi indistintament lil kull sewwieq li jkun qed jersaq lejn inkrocju format minn zewg toroq ta' l-istess importanza li jipprocedi bil-mod ferm u ma jittraversax dan l-*

*inkrocju qabel ma jaccerta ruhu bl-akbar cirkospezzjoni li l-ebda vettura ohra ma tkun riesqa hija wkoll lejn l-istess inkrocju sia' fuq il-lemin, aktar u aktar fuq ix-xellug tieghu mhabba l-precedenza fir-Reg 68 tal-M.V.R. Infatti, sakemm ma jasalx fl-inkrocju u ma jesplorax diligentement, ebda sewwieq li jkun bi hsiebu jittraversa ma jista' jkun jaf minn qabel minn liema naha u taht liema cirkostanzi tista' titfaccalu vettura ohra u, kwindi, tispettax lilu jew le d-dritta.*

*Kull sewwieq, ghalhekk, li jonqos minn dan id-dmir strett tieghu ghandu jitqies li jkun ikkontribwixxa ghal kull eventwali kollizzjoni li tista' tivverifika ruhha, b'dan biss li, fid-determinazzjoni tal-grad ta' htija ta' kull wiehed miz-zewg sewwieqa li jkunu naqsu t-tnejn mid-dmir predett, jista' jittiehed in konsiderazzjoni r-right of way preskritt mill-imsemmi regolament 68 tal- M.V.R."* (Ara sentenzi **"Zahra vs Polidano"** - P.A. 22 ta' Marzu 1972; **"England noe vs Zammit" -** P.A. 16 ta' Mejju 1973).

*Din ir-regola ta' precedenza lit-traffiku fuq ix-xellug mhix wahda li tkun tezisti "a priori", imma wahda li tirradika ruhha biss wara li d-drivers ikunu raw lil xulxin u stabbilew min minnhom qieghed fuq ix-xellug ta' l-iehor. Biex, wara li s-sewwieqa jkunu raw lil xulxin, ikollhom l-opportunita' li jcedu d-dritta lil min tkun tispetta, jkun mehtieg li huma jkunu qed isuqu bi speed tali li jippermettilhom li tempestivament jirreagixxu u*

*jieqfu halli jkunu jistghu jcedu d-dritta. Bi speed baxx u look-out assidwu biss jistghu jigu evitati incidenti f'inkrocji bhal dawn."*

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenza **"Socjeta` Citadel Insurance p.l.c. vs Alan Muscat"** (P.A. (RCP) 25 ta' Mejju 2000) u ghalhekk abbazi tal-principji fuq stabbiliti u ghalkemm tali regoli ma humiex ligi, xorta huma indizzjali ghall-sewqan prudenti, li l-ewwel konsiderazzjoni taghhom mhux li jistabbilixxu dritta, izda sabiex tigi stabbilita ordni fis-sewqan, bazilari ghal certu grad ta' sikurezza fuq it-toroq taghna, u din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha tapplika l-istess regola, u l-gurisprudenza fuq indikata tattribwixxi grad ta' responsabilita` ikbar u cioe` ta' zewg terzi lit-traffiku li jkun gej mill-lemin, u grad ta' terz lil min kull gej minn fuq ix-xellug, anke ghaliex il-konsistenza tar-regoli fis-sewqan, bhal konsistenza f'kull haga ohra, jghinu sabiex l-istess utenti tat-toroq jkunu jistghu ahjar jirregolaw ruhhom, u b'hekk jigu evitati aktar sinistri. Dan ma jidderogax mill-principju li kull kaz jigi deciz fuq il-mertu u il-fattispecie tieghu, pero` r-regoli tas-sewqan dejjem qeghdin hemm, kif ukoll l-eccezzjonijiet ghall-istess regoli, liema eccezzjonijiet jigu biss applikati f'kazijiet specifici u determinati.

Illi ghalhekk fuq skorta tal-istess, l-assigurata tas-socjeta` attrici hija responsabbli ghall-incident *"de quo"*

fil-grad ta' zewg terzi (2/3), mentri il-konvenut huwa wkoll responsabbli ghall-istess incident fil-grad ta' terz (1/3).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ghal dan l-incident ghandhom x'jahtu iz-zewg partijiet, stante li ghalkemm jista' jkun li z-zewg sewwieqa naqqsu l-*ispeed* taghhom meta huma kienu wasslu ghall-inkrocju, it-tnejn li huma minghajr ma debitament esploraw it-triq, qabel ma ghamlu kull manuvra ohra, ittentaw jaqsmu l-inkrocju, bil-konsegwenza li sar is-sinistru.

## III. LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.

Illi s-socjeta` attrici qed isostni li l-ammont ta' danni sofferti fil-karozza taghha jammonta ghall-Lm1039.14.

Illi pero` mir-ricevuti esebiti u stimi esebiti jirrizulta li dawn kienu jikkonsitu fis-segwenti:-

| | |
|---|---|
| (a) Road Accident Report. | Lm003.00,0. |
| (b) Spray. | Lm145.00.0. |
| (c) Parts. | Lm008.75.0. |
| (d) Auto Parts. | Lm720.81,0. |
| (e) Panel Beating. | Lm180.55,0. |
| (f) Rust Proofing. | Lm010.00,0. |
| TOTAL. | Lm1,068.11. |

Illi pero` la darba ic-citazzjoni attrici qed tispecifika l-ammont ta' Lm1,039.14, u dan l-ammont jirrizulta pruvat u *di' piu* lanqas biss gie kontestat, din il-Qorti thoss li dan l-ammont ta' danni ghandu jigi accettat bhala dak soffert fil-karozza tal-assikurat tas-socjeta` attrici.

Illi pero` la darba l-konvenut huwa responsabbli f'dan l-incident biss ghall-grad ta' terz (1/3) mela allura l-ammont ta' danni li ghandu jithallas mill-konvenut lis-socjeta` attrici, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha huwa terz (1/3) tal-ammont fuq indikat li ghalhekk jammonta ghall-Lm346.38, u dan l-ammont biss ghandu jithallas mill-konvenut lis-socjeta` attrici.

## IV. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, filwaqt li tilqa' in parti l-eccezzjonijiet tal-konvenut, fis-sens li huwa wkoll kien responsabbli ghall-incident flimkien mal-assikurata tas-socjeta` attrici fil-grad ta' terz (1/3) il-konvenut u zewg terzi (2/3) l-assikurata tas-socjeta` attrici **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

(1) Tiddikjara li l-incident *de quo* gara tort kemm tal-konvenut u kemm tas-sewwieqa assikurata mas-socjeta` attrici, u dan fi grad ta' terz (1/3) u zewg terzi (2/3) rispettivament u ghalhekk l-istess sewwieqa

huma responsabbli ghad-danni ikkawzati fl-istess incident fl-istess grad ta' terz (1/3) mill-konvenut, u fil-grad ta' zewg terzi (2/3) mill-istess sewwieqa assikurata mas-socjeta` attrici.

(2) Illi peress li d-danni sofferti fil-karozza tal-assigurata tal-attrici jammontaw ghall-elf u disgha u tletin lira maltija u erbatax-il centezmu (Lm1,039.14), tillikwida l-istess ammont bhala danni sofferti mill-assigurata tas-socjeta` attrici, liema assigurata, a bazi tal-ewwel talba, ghandha issofri hija stess l-ammont ta' sitt mija u tnejn u disghin liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm692.76,0) minnhom, mentri l-konvenut ghandu jsofri li jhallas s-somma ta' tlett mija u sitta u erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm346.38) mill-ammont hekk likwidat.

(3) Tordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' tlett mija u sitta u erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm346.38) mill-ammont hekk likwidat, bhala rappresentanti l-grad tieghu ta' terz (1/3) mir-responsabilita` tal-istess incident u wkoll tad-danni hekk ikkawzati u hawn likwidati.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut, u l-ispejjez ta' din id-decizjoni u kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-4 ta' Gunju 1999 u ittra ufficcjali kontestwali mac-citazzjoni attrici kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu

apporzjonati bejn l-partijiet fl-istess grad ta' responsabilita` fuq indikata u cioe' zewg terzi (2/3) a karigu tas-socjeta` attrici u terz (1/3) a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**16 ta' Jannar 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Jannar, 2002**